# Il-Ħadd 21.12.2014

1. Din il-ġimgħa tkompli n-Novena.
   Ir-Rużarju jibda fis-6:00pm u wara jkollna l-ħsieb tan-Novena u l-Barka Sagramentali.
   - Il-Ħadd 21/12 il-quddiesa tat-8:15am tkun animata mill-MUSEUM tal-Bniet u tas-Subien u fiha jsir it-tberik tal-Bambini. Inħeġġu lit-tfal kollha biex jiġu għal din il-quddiesa u jġibu xi Bambin magħhom.
     Filgħaxija mill-Kappillan u l-Korijiet 'Sine Macula' u 'Kreattiv'.
   - It-Tnejn 22/12 mill-Letturi u l-Animaturi tal-Quddies.
   - It-Tlieta 23/12 mill-Fratellanzi tas-Sagrament u tar-Rużarju.

   Infakkru li fil-jiem tan-Novena għandna xi qfif biex inġibu affarijiet li wara jingħataw lis-Segretarjat Assistenza Soċjali tal-Azzjoni Kattolika biex jgħin lill-persuni fil-bżonn.

2. Il-Ħadd 21/12, **ir-Raba' Ħadd tal-Avvent**:
   - Fil-11:00am isir it-Tberik tal-Wirja ta' Presepji mtella' mis-Sezzjoni Żgħażagħ tal-Każin San Pawl fiċ-Ċentru Parrokkjali. Mistednin iżżuruha.
   - Mis-6:30pm sas-7:30pm, il-Kappillan u l-Kunsill Pastorali Parrokkjali (KPP) qed jistednukom għall-Kunċert tal-Milied imtella' mill-Korijiet 'Sine Macula' u 'Kreattiv' biex permezz tal-mużika u l-kant tagħhom idaħħluna fl-ispirtu tal-Milied.

3. It-Tnejn 22/12:
   - Filgħodu, eżatt wara l-quddiesa, isir it-tindif tal-knisja. Min jista' jgħin ma joqgħodx lura.

4. It-Tlieta 23/12:
   - Fit-8:30am sad-9:15am jiltaqa' l-grupp tal-Abbatini bi preparazzjoni għall-Milied.

5. L-Erbgħa 24/12, **Lejliet il-Milied**:
   - Fil-5:00pm tiftaħ il-knisja u jkollna l-Qrar, u fis-6:30pm quddiesa.
   - Fil-6:00pm tibda l-Purċissjoni tradizzjonali tal-Bambin għat-tfal kollha organizzata mill-membri tal-MUSEUM li tispiċċa fil-knisja parrokkjali stess fejn issir reċta u kant etċ.
   - Fl-10:30pm tiftaħ il-knisja u fil-11:00pm jibda programm varjat b'reċta u l-priedka tat-tifel, li jwassluna biex f'nofs il-lejl niċċelebraw il-Quddiesa tal-Lejl tal-Milied animata mill-kor 'Sine Macula'.

6. Il-Ħamis 25/12, **Jum il-Milied**: il-ħinijiet tal-quddies ikunu bħal dak ta' nhar ta' Ħadd.

7. Il-Ħadd 28/12, **Festa tas-Sagra Familja**:
   - Il-quddiesa tal-10:00am tkun bis-sehem tal-Grupp tal-Koppji Miżżewġa.
     Nistiednu b'mod partikulari lill-Familji ta' eta' żgħira biex jattendu din il-quddiesa.
   - Bejn l-10:00am u 12:00pm, l-Amministratur Appostoliku, l-Isqof Charles Scicluna, ser ikun il-Kurja tal-Arċisqof, il-Floriana, biex jilqa' lil kulmin jixtieq jagħtih l-awguri għal dawn il-festi.

8. Avviżi oħra:
   - Il-Kappillan u s-saċerdoti flimkien mal-Kunsill Pastorali Parrokkjali jawguraw il-Milied u s-Sena t-Tajba lil kulħadd, speċjalment lil ħutna li ma jistgħux joħorġu minħabba mard u raġunijiet ta' saħħa jew viżtu, lil ħutna fil-ħabs, u lil ħutna l-emigranti kollha.
   - Mod konkret ta' kif nagħtu rigal li tassew jiswa ħafna hu billi nagħtu d-demm. Inħeġġu ħafna biex nagħmlu dan il-Milied differenti billi nagħtu r-rigal tal-ħajja.
   - Matul dawn il-jiem ser jitqassmu Kartolini tal-Milied u jibdew jinġabru l-envelopes bl-Istrina tagħkom b'risq il-parroċċa li din is-sena ser tmur għall-manutensjoni tal-knisja u r-restawr ta' San Pawl. Dawn għandhom jinġabru minn dawk li jqassmu l-'Flimkien' jew inkella jinġiebu hawn u jinxteħtu fil-qfief tal-offerti. Nirringrazzjakom mill-qalb.

9. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 2,370 bħala donazzjonijiet għar-restawr tal-istatwa ta' San Pawl. Grazzi.